Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 144/2025**

**It-Tlieta, 29 ta' Lulju, 2025**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-*boardroom* fil-lukanda Kempinski (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-7:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Damien Spiteri | Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Sindku, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sur Kevin Curmi | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Nadur |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsill Lokali Żebbug
Kunsill Lokali Sannat
Kunsill Lokali San Lawrenz

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Xewkija
Kunsill Lokali Għasri
Kunsill Lokali Fontana
Kunsill Lokali Xagħra

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**144.1 Talba**

144.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

**144.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

144.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 143 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**144.3 Korrispondenza.**

144.3.1 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand Malta Libraries dwar tiġdid tal-ftehim tal-Co-operation Agreements bejniethom. Huma talbu lir-Reġjun sabiex jikkoordina din l-attivita' dwar il-libreriji sabiex jiġu iffirmati dawn il-Co-operation Agreements. Kull Kunsill involut irċieva draft tal-ftehim. Is-Sindku ta' Ta' Kerċem ilmenta dwar xi kundizzjonijiet li hemm fil-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv informatu li l-Kunsill tiegħu għandu jikkuntattja lil-Malta Libraries sabiex jagħmel it-tibdiliet meħtieġa minn naħa tiegħu fil-kuntratt.

144.3.2 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand is-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesu dwar proposta ta' Proġett Kulturali Edukattiv. Il-programm maħsub li jsir tliet darbiet matul is-sena skolastika 2025/26 u qed jippjanaw li jkun hemm sitt gruppi differenti b'24 tifel f'kull grupp. Għalhekk hemm bżonn il-parteċipazzjoni ta' sitt Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat din il-korrispondenza lill-Kunsilli Lokali Għawdxin u min jkun irid jieħu sehem jikkuntattja direttament lis-Sur Ivan Farrugia, Viċi Kap tas-Seminarju Minuri.

144.3.3 Il-Kunsilli Reġjonali Għawdex kellu laqgħa mas-Sur Joe Attard CEO tal-Green MT. Hu ppreżenta statistiċi dwar il-ġbir ta' skart u s-separazzjoni tal-iskart għas-snin 2023 u 2024. Mill-istatistiċi ħareġ li kien hemm 58.8% tal-iskart imħallat fis-sena 2023 u 57.2 fis-sena 2024. Il-mira tal-Gvern Ċentrali huwa li jnaqqas l-iskart imħallat fis-sena 2025 b' 10%.

Waqt il-laqgħa li għalija kienu preżenti s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Maniġer tal-Waste tar-Reġjun, ġew diskussi wkoll il-problemi dwar il-bring-in-sites. Is-Sur Attard qal li hemm numru ta' lokalitajiet li m'għandhomx CCTV's jaħdmu fejn il-bring-in-sites. Il-Green MT lest li jħallsu għall-ewwel sena l-ispejjeż tal-konnessjoni tas-sistema, iżda wara l-ewwel sena dawn l-ispejjeż jgħaddu għand il-Kunsilli Lokali.

Waqt il-laqgħa ġew diskussi diversi affarijiet oħra fosthom: kampanja ta' edukazzjoni dwar l-importanza tas-separazzjoni tal-iskart, reġistrazzjoni ta' stabbilimenti kummerċjali mal-Kunsilli Lokali.

Inġibed l-attenzjoni minn diversi Sindki dwar in-nuqqas ta' effiċjenza minn din il-kumpanija u li meta kienu mal-kumpanija l-oħra s-servizz kien ħafna aħjar. Intqal ukoll li l-Kunsilli mhux kollha qed jiġu ttrattati l-istess. Is-Sindku tal-Qala qal li hu mhux lest li jħallas l-ispejjeż in konnessjoni mas-CCTV ta' fejn il-bring in sites.

Is-Sindki qablu li jekk ma tittieħedx azzjoni min-naħa tal-Green MT dwar il-problemi tal-bring-in-sites, għandha tintbagħat ittra lill-Ministru kkonċernat.

144.3.4 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza oħra mingħand Ewfonija dwar ir-raba edizzjoni tal "The Ewfonija Grand Operatic Concert" li se jsir fit-3 ta' Ottubru. Fil-korrispondenza ġie spjegat li dan il-kunċert li ser issir f' sala f'Għawdex u li se jkun il-ftuħ uffiċċjali tal-Opera Month f'Għawdex. Dan il-kunċert se jsir taħt id-direzzjoni ta' Mariella Spiteri Cefai (l-ewwel mara direttur mużikali f'Għawdex). Wara diskussjoni fuq din il-materja, l-membri preżenti ddeċidew li fir-rigward ta' dan il-Kunċert Operistiku, ir-Reġjun Għawdex bħala Reġjun tal-Kultura - Għawdex 2025 għandu jikkollabora biex dan il-kunċert jittella u jkun parti mill-programm tar-Reġjun tal-Kultura.

144.3.5 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex għal darb' oħra ġie offrut pakkett ta' *features* fuq il-programm Għawdex Illum kif ukoll reklamar tar-Reġjun Għawdex. Il-membri preżenti aċċettaw din it-talba.

144.3.6 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand il-KIP dwar għeluq ta' toroq f'Għawdex barra mill-ħin stipulat mit-Transport Malta. Dan qed joħloq problemi kbar biex jinġabar l-iskart mill-irħula. Mal-korrispondenza tal-KIP kien hemm kopja tad-Direttiva tat-TM datata 26 ta' Ġunju 2025, fejn tgħid li permessi m'għandhomx jinħarġu qabel id-9 ta' filgħodu u bejn l-4 u s-7 ta' wara nofsinhar għall-egħluq ta' toroq. Is-Sibtijiet huwa permess mid-9 ta' filgħodu sas-1 ta' wara nofsinhar. Is-Sindki preżenti qablu li dawn id-direttivi għandhom jiġu obduti. Kien hemm minn irrimarka li s-sistema tal-permessi għandha jkollha l-faċilita li l-permess ma joħroġx jekk mhux skond din id-direttiva.

144.3.7 Kif kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, ġew ippreżentati kwotazzjonijiet għax-xiri ta' bowżers. Dawn kienu jammontaw bejn €20,000 u €25,000 bil-vetturi ta' għoxrin sena ilu. Xorta hemm il-problemi ta' minn fejn ser jinġab l-ilma, kif ser jitqassam bejn il-Kunsilli l-bowżer u fejn ser jinżamm il-bowżer. Din l-idea minħabba f'hekk ġiet skartata.

144.3.8 Fuq talba ta' diversi Kunsilli sar rendikont mill-Maniġer tal-Ambjent dwar l-e-bikes li tqassmu mill-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex. Hemm Kunsilli li jixtiequ aktar roti filwaqt li hemm Kunsilli li ma sabux użu għalihom. Ir-Reġjun Għawdex m'għandux oġġezzjoni jekk dawn ir-roti jitqassmu bejn il-Kunsilli u issuġġerixxa li jkun hemm ftehim bil-miktub dwar dan, kif kien sar meta r-roti ngħataw lill-Kunsilli mir-Reġjun.

## 144.4 Ittra tal-Awdituri u Risposta.

144.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv iċċirkolat l-ittra u r-risposta tal-awdituri għas-sena 2024 lill kull Sindku qabel il-laqgħa tar-Reġjun Għawdex. Għalhekk dawn ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Ma kienx hemm kummenti mill-membri preżenti ħlief il-President li qal li dawn għoġobhom jikkummentaw fuq il-fatt li kien hemm ċekkijiet b'ammonti żgħar li kienu għadhom ma ġewx ippreżentati l-bank.

## 144.5 Rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni dwar l-Impjieg ta' Uffiċjal tal-PR/Komunikazzjoni.

144.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni għal pożizzjoni ta' Uffiċjal ta' PR/Komunikazzjoni. Il-bord għażel lis-Sur Dylan Attard. Din il-ħatra ġiet approvata mill-Kunsill Reġjonali Għawdex.

**144.6 <u>Materji Oħra.</u>**

144.6.2 Is-Sindku ta' Għajnsielem qal li jixtieq jirringrazzja lill-Maniġer tal-Koordinazzjoni tal-Iskart tal-ħidma tiegħu. Hu qal li l-problemi li kien ikollu ġew solvuti kemm ilu li ġie nkarigat dan il-Maniġer.

144.6.2 Diversi Sindki talbu li l-Kunsill Reġjonali Għawdex jagħmel proposti għall-baġit 2026 (li għandhom x'jaqsmu mal-Kunsilli Lokali). Issemmew affarijiet bħal il-kera fuq il-bini (li huma tal-Gvern), kif ukoll il-ħlas tal-VAT. Dawn il-proposti għandhom jaslu għand ir-Reġjun fi żmien ħmistax.

**144.7 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti.</u>**

143.7.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 155 li kienet tammonta għal €319,681.33

**144.8 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.</u>**

144.8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-20:30 u ġiet skedata għal nhar it-Tlieta, 26 ta' Awwissu fis-6:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |